# META MINTOFF FETAĦ TIGNÉ GĦALL-AŻJATIĊI

## • ANNIVERSARJU MINN META MALTA LAQGĦET MIJIET TA' AŻJATIĊI LI TKEĊĊEW MILL-UGANDA

Bħal din il-ġimgħa 46 sena ilu, Malta kienet fl-aħbarijiet internazzjonali għaliex il-gvern immexxi mill-Perit Duminku Mintoff kien ħa d-deċiżjoni kuraġġuża li jagħti ażil f'Malta lil iktar minn 500 Ażjatiku li kienu tkeċċew mill-Uganda.

Kienet deċiżjoni li tixhed il-politika internazzjonali tal-Eks Prim Ministru li filwaqt li dejjem sostna l-għajta ta' Malta l-Ewwel u Qabel Kollox, qatt ma injora l-obbligi internazzjonali li kellu pajjiż li dak iż-żmien kien qed ifittex li jiftaħ relazzjonijiet mal-kumplament tad-dinja.

Anke jekk Malta kienet għadha ma kisbitx il-ħelsien, ħasset li kellha tkun hi li tagħti kenn lil għexieren ta' persuni Ażjatiċi li d-deċiżjoni tal-President tal-Uganda Idi Kamin, ħalliet mingħajr wisq futur.

F'kummenti mal-gazzetta ***KullĦadd*** il-Professur Godfrey Pirotta spjega kif fi żmien it-tmexxija tagħhom, l-Ingliżi kellhom id-drawwa li jieħdu jew iħajru nies mis-sub kontinent Indjan biex imorru jaħdmu f'kolonji li kienu jaqgħu taħtom. Matul iż-żmien il-komunità ta' dawn l-Ażjatiċi kibret ġmielha u kif kienet id-drawwa f'każi bħal dawn fl-emigrazzjoni, rabbiet għeruq fondi.

Iżda bħal sajjetta fil-bnazzi Idi Amin iddeċieda li jkeċċi lil din il-komunità mill-Uganda litteralment bil-ħwejjeġ li kellhom fuqhom. Kien f'Awwissu tal-1972 li l-President Kamin ta 90 jum lill-minorità mill-Asja ta' Isfel biex titlaq 'il barra mill-pajjiż u Malta kienet fost dawk li offriet l-għajnuna tagħha.

"Għadni niftakar sew il-kliem ta' Dom Mintoff fuq din il-kwistjoni. Għalkemm ħafna min dawn l-Ażjatiċi kellhom ċittadinanza Ingliża jew kienu membri tal-Commonwealth l-Ingilterra, għall-ewwel ma reditx teħodhom għalkemm dawn kienu se jispiċċaw bla ebda ċittadinanza. Mintoff mill-ewwel qal li dan ma kienx sew daqskemm ma kienx sew li dawn jispiċċaw f'din is-sitwazzjoni," qal il-Professur Pirotta.

Żied jispjega li għalkemm Malta kienet ekonomikament dgħajfa, Mintoff wera li kien lest jgħin f'din il-kwistjoni u offra biex Malta tieħu numru minnhom bil-patt u l-kundizzjoni li wara dawn isibu post ġewwa xi pajjiż ieħor tal-Commonwealth.

Dakinhar *Anton Buttigieg*, li kien Ministru għall-Ġustizzja, kien għamel stqarrija ministerjali dwar dak li għamlet Malta. Iddeskrivieh bħala "att ta' karità u bħala att ta' solidarjetà man-Nazzjonijiet Magħquda u mar-razza umana mingħajr diskriminazzjoni."

Il-Professur Pirotta jargumenta li din kienet azzjoni li tat nifs lil kulħadd; "kemm lill-pajjiżi tal-Commonwealth biex jaraw x'jistgħu jagħmlu u wkoll lil xi wħud min dawn refuġjati biex isibu kenn. Il-Gvern Malti għalhekk kien irranġa parti mill-barracks ta' Tigné biex ikun jista' jakkomoda numru minn dawn ir-refuġjati. Kienu ġew ġo pajjiżna u waqt li Malta pprovditilhom kenn u għajnuna fl-għajxien tagħhom kienu bdew negozjati biex dawn jiġu rilokati f'pajjiżi oħra. Fil-fatt, l-ikbar numru minn dawn ir-refuġjati kienu marru, wara żmien Malta, jibdew ħajja ġdida ġewwa l-Kanada," spjega l-Professur Pirotta li fuq kollox baqa' l-iktar impressjonat bi kliem Mintoff dakinhar.

"Imma l-iktar li kien impressjonani dakinhar kien il-mod kif Mintoff offra solidarjetà ma' dawn nies għalkemm Malta stess kienet qed tipprova tibni ekonomija," qal il-Professur Pirotta.

Meta wara xhur telqu minn pajjiżna, l-immigranti kienu grati għal dak li tahom il-poplu Malti. Saħansitra kien hemm min kiteb fil-gazzetti jirringrazzja lil Malta. Ċertu H.A. Patel kien kiteb fit-*Times of Malta* li bħala wieħed mir-refuġjati ħass li kellu jirringrazzja lill-Gvern Malti.

"M'għandix kliem biex nesprimi dak li qed inħoss f'din l-okkażjoni," qal Patel li rringrazzja lil bosta persuni.

"Tul il-waqfa tagħna ta' seba' xhur, konna drajna niltaqgħu ma' wċuħ daħkana u nies ġenerużi ta' din l-art żgħira imma sabiħa," kien inkiteb f'messaġġ li kull Malti li seta' kien hemm 42 sena ilu żgur ikun kburi bih.

**"Konna drajna niltaqgħu ma' wċuħ daħkana u nies ġenerużi ta' din l-art żgħira imma sabiħa**














Ritratti: DOI u Union Print